

# IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK

# STEJJER MILL-KOTRA MQADDSA

## ANTIK TESTMENT

**Danjiel fil-ghar ta' l-iljuni**

Darju, is-sultan tal-Babilonja ra li Danjiel kien bniedem gharef u ddistigwa ruhu. U ried li jaghmlu amministratur fuq is-saltna tieghu. Din il-haga ma nizlet xejn tajjeb ma' dawk ta' madwar is-sultan u ftehmu li jhejju pjan biex jixhluh quddiem ir-re taghhom Darju. Imma ma setghu jsibu xejn kontrih f'dak li kellu x'jaqsam mat-tmexxija tal-hwejjeg tal-gvern. Kien rett ghal ahhar. Ma setghux jsibu korruzzjoni fih ghax kien bniedem ta' min jafda fuqu.

Qalu: " Ma nistghu qatt insibu xejn kontrih fuq hiex nixluh jekk ma hix xi haga li ghandha x'taqsam mal-ligi ta' Alla tieghu." Ghalhekk kollhom hazen resqu lejn Darju, is-sultan u qalulu: " Ahna qbilna li inti ghandek tohrog edit li hadd ma ghandu jitlob lil ebda bniedem jew alla jekk mhux lilek ghal dawn it-tletin jum li gejjin. Jekk xi hadd jonqos ghandu jigi mitfuh qalb l-iljuni. O Sultan ohrog dan l-editt u aghmlu bil-kitba biex hadd ma jkun jista' jmerih, dejjem skond il-ligi taghna." U s-sultan ghamel dak li xtaqu.

Meta Danjiel sema' b'dan l-editt huwa ma tfixkel xejn. Mar id-dar u fil-kamra ta' fuq, inxtehet gharkubtejh jitlob. Tlett darbiet kuljum kien jaqdi dmiru lejn Alla fit-talb. L-ghedewwa ta' David, jum wiehed issorprendewh u qabduh jitlob lil Alla tieghu. Dawn marru quddiem is-sultan u xlew lil David b'nuqqas ta' ubbidjenza lejn id-digriet tas-sultan. "Dan

haqqu l-mewt," qalu is-sultan. " Jehtieg li jinghata taghlima li la ma obdiex, id-destin tieghu ikun li jigi mitfugh f'ghar ta' l-iljuni."

Dak li sema' s-sultan ma ghogbu xejn ghax lil Daniel kien ihobbu hafna izda............

"Hekk ikun," ghajjat is-sultan. " L-ordni hija valida skond il-ligijiet tal-Persjani u l-Medi."

Gabu lil Danjiel u tefghuh fil-ghar ta' l-iljuni u quddiem l-ghar qieghdu gebla kbira. Fuqha s-sultan qieghed is-sigill tieghu. Qabel ma tefghuh qalb l-iljuni is-sultan qal lil Danjiel " Jalla dak Alla li inti sservi u taqdi jehilsek mill-mewt."



Meta is-sultan rega' lura lejn il-palazz ma riedx la jiekol u anqas jistrieh. Kien mikdud hafna ghax-xorti ta' wiehed mill-aktar mahbuba minnu. Ma' l-ewwel raggi tax-xemx is-sultan mar jigri hdejn l-ghar u sejjha lil Danjiel. " Danjiel, Danjiel dak Alla li inti isservi helsek mill-mewt?"

U Danjiel wiegeb: " Dak Alla li jiena nhobb u nqadi baghat l-anglu tieghu biex l-iljuni ma jaghmluli ebda hsara ghaliex f'ghajnejh jiena bla htija. Anqas ma jiena hati ta' xi haga hazina quddiemek O sultan tieghi."

Ir-re intela b'ferh kbir u ordna li Danjiel jigi mehlus minnu fih.  Ebda hsara ma gratlu u ebda gerha ma kellu fuq gismu, ghaliex huwa fadha totalemtn f'Alla.

(Danjiel 6:1-23)

WIEGEB DAWN IL-MISTOQSIJIET:

1. Ghaliex dawk ta' madwar is-sultan ma riedux li r-re taghhom jaghmel lil Danjiel amministratur?
2. Ghaliex is-sultan ried jaghmlu amministratur?
3. X'talbu li jaghmel is-sultan dawk ta' madwaru?
4. Danjiel tfixkel b'dak li ordna s-sultan?
5. X'garalu Danjiel?
6. Kif spiccawha dawk ta' madwar is-sultan?